2026/2286

13.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2286

tat-12 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 [1].

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tapplika sas-16 ta' Ottubru 2026. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, u fid-dawl tat-theddida kontinwa u dejjiema għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kkawżata mill-armi kimiċi, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-applikazzjoni tagħha tiġi estiża sat-30 ta' Ottubru 2031.

(3) Abbażi ta' rieżami tal-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi stipulati fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati f'dak l-Anness tiġi estiża sat-30 ta' Ottubru 2027.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ottubru 2031. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stipulati fl-Artikoli 2 u 3 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness sat-30 ta' Ottubru 2027.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1544/oj).